MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2007

Numru. 793/2006

QORTI TAL-MAGISTRATI
(MALTA) BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.

Illum, 19 ta’ Ottubru, 2007

Il-Pulizija
(Spettur Stephen Gatt)

vs

John Paul Tanti

Il-Qorti;

Rat li l-imputat John Paul Tanti, ta’ 25 sena, iben Emanuel u Carmen Farrugia, imwieled Pieta’ fis-06 ta’ Lulju 1982 u joqghod 38, Triq Lapsi, San Giljan b’ karta ta’ l-identita’ numru 375982M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli :-

(a) attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’ hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta’ Dr. Ronnie Leslie Borg M.D., persuna inkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita’ kompetenti.

(b) talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ Dr. Ronnie Leslie Borg M.D., persuna inkarigat skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz.

Rat l-atti kollha tal-kawza fosthom il-kunsens ta’ l-Avukat Generali datat 7 ta’ Awissu, 2006 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja, liema dokument jinsab esebit a *folio* numru 5 tal-process.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar id-29 ta’ Marzu, 2007 (*folio* 19 tal-process) *ai termini* ta’ l-Artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-kaz jirigwarda ncident li nqala' fis-6 ta' Gunju 2005 ghall-habta tas-6.00pm, fil-Health Centre tal-Gzira, fejn l-imputat allegatament imbotta u waqqa' mal-art lil Dr. Ronnie Leslie Borg.

Dan tal-ahhar xehed fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2007 fejn spjega li fl-imsemmija data, filghaxija, meta huwa kien qed jezamina pazjent waqt li kien *on duty* il-Health Centre tal-Gzira, f'daqqa wahda dahlu fil-kamra tlett irgiel u huwa qalilhom johorgu l-barra. Dawn hargu meta gie s-*security guard* izda f'daqqa wahda wiehed minnhom rega' dar u dahal fil-kamra, resaq lejn Dr. Borg u mbuttah, jghid l-istess Dr. Borg. Meta gie mbuttat Dr. Borg waqa' mal-art u laqghat idejh izda ma sofriex griehi. Dr. Borg gharaf lill-imputat bhal l-persuna li mbuttatu mal-art. Dan ix-xhud ikompli jispjega li dakinhar filghodu huwa kellu jaghmel vista wahda barra Health Centre u din kienet f'Lapsi Street, San Giljan. Meta huwa mar fuq il-post habbat fuq il-bieb xi darbtejn jew tlett darbiet izda ma fetahlu hadd.

L-imputat xehed fis-eduta tal-11 ta' Lulju 2007 fejn qal li fid-data tal-allegat incident huwa qam migugh hafna u ghalhekk filghodu cempel il-Gzira Health Centre sabiex jigi jarah tabib. Wara xi saghtejn rega' cempel il-ghaliex it-tabib kien ghadu ma giex. Wara xi tlett sighat mil-ewwel telefonata waqt li l-imputat u ommu kienu fis-sular ta' fuq tad-dar cemplet il-qanpiena u omm l-imputat nizlet tiftah izda ma sabet lil hadd. L-imputat ikompli jispjega li ommu ghalhekk regghet cemplet il-Health Centre fejn qalulha li kien gie t-tabib u ma sab lil hadd u li issa dan ma setghax jerga' jmur. L-imputat isostni li ghal habta tal-hamsa ta' wara nofsinhar gie r-ragel t'ommu d-dar kif ukoll ir-ragel t'ohtu, Raymond Barbara, u dawn wasluh sal-Gzira Health Centre. Huwa jsostni li x'hin dahlu l-Health Centre qalulhom sabiex jibqghu dehlin fit-*treatment room* u meta dahlu f'din il-kamra kien hemm it-tabib u dan qalilhom sabiex johorgu l-barra u l-imputat isostni li huwa hareg il-barra izda wara certu hin beda' jhoss hafna ugiegh u ghalhekk huwa mar ihabbat mal-bieb tal-kamra fejn kien hemm it-tabib, ghamel wiccu ma' wicc it-tabib u qallu sabiex jarah ghaliex kien migugh hafna. L-imputat jghid li dak il-hin huwa ghotor, laqat lit-tabib bi spalltu u ghalhekk

dan tal-ahhar waqa' mal-art. Din il-verzjoni moghtija mill-imputat hija korroborata mix-xhieda ta' Raymond Barbara, li huwa xhud tad-Difiza.

Jekk wiehed jara il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat fil-mument li huwa rrilaxxja stqarrija lill-ufficjal investigattiv l-ghada li sehh l-incident li jifforma l-mertu ta' dan il-kaz jara li din il-verzjoni hija differenti minn dik moghtija meta xehed quddiem il-Qorti. *A tempo vergine* fil-fatt l-imputat kien ammetta li meta t-tabib qallu sabiex johrog il-barra mill-kamra huwa ntilef u qal lit-tabib li ma riedx jaqdih u mbuttah sabiex dan (it-tabib) spicca mal-art. Ta' min wiehed jinnota wkoll li fl-istqarrija l-imputat qal li meta habbat l-bieb kienu fethu t-tfal t'ohtu u raw lit-tabib tielaq l'hemm u ghalkemm it-tifel t'ohtu gera wara t-tabib u ghajjatlu dan ma giex lura, Meta l-imputat xehed quddiem il-Qorti huwa qal li fil-mument li habbat il-bieb kienet ommu li marret tiftah u ma sabet lil hadd. Il-Qorti jidrilha li l-verzjoni moghtija mill-imputat meta huwa xehed quddiem din il-Qorti ma tistghax titwemmen u hija konvinta li dak li ntqal mill-imputat *a tempo vergine* huwa ferm aktar kredibbli.

Min-naha l-ohra l-Qorti m'ghandha l-ebda dubju dwar il-kredibita' ta' Dr. Ronnie Leslie Borg u jidrilha li l-verzjoni tal-fatti moghtija minn dan tal-ahhar ghandha titwemmen stante li tirrifletti dak li effettivament gara fl-incident tas-6 ta' Gunju,2005.

Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-akkuzi migjuba fil-konfronti tal-imputat sal-grad rikjest mill-ligi u ghalhekk l-imputat qed jinstab hati tal-istess akkuzi ghalkemm irid jinghad li t-tieni akkuza ghandha tiqies bhala assorbita fl-ewwel akkuza.

Ghal finijet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat kien migugh hafna meta sehh l-incident *de quo*, u ghalkemm din m'hijiex skuzanti in kwantu jrrigwarda s-sejbien ta' htija stante li migugh kemm kien migugh l-imputat qatt ma kellu jattakka lil Dr. Borg, il-Qorti izda ser tiehu dan il-fatt in konsiderazzjoni fl-erogazzjoni tal-piena. Il-Qorti qieset ukoll il-fedina penali netta tal-imputat (ara

fedina penali esebita a fol. 5 tal-process u l-fatt li Dr. Borg ma sofriex griehi bhala konsegwenza tal-attakk da parti tal-imputat. In vista ta' dan kollu l-Qorti jidrilha li m'ghandhiex tinghata piena karcerarja effettiva u li ghandhom jigu applikati d-disposizzjoniijiet tal-Artikolu 21 tal-Kap. 9 u tigi mposta multa minflok piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 21, 95 u 96 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt lli tiddikjara lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu, tikkundannah multa ta' mitt lira Maltin Lm100.00.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------